ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2019**

**IT-TMIEN SENA** **L-ETIKA** **IL-ĦIN: Siegħa**

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________

**Għall-użu tal-għalliema**

| Il-Proġett 20 % | Ix-Xogħol fi Grupp 20 % | Il-Kitba Riflettiva 20% | Il-Kitba 40 % | It-Total 100 % |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**1. Poġġi l-kliem ta' hawn taħt fil-kolonna t-tajba.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** (6 marki)

ir-Rabbi il-Bibbja il-Moskea is-Sinagoga il-Koran il-Qassis

| | Il-Kristjaneżmu | L-Iżlam | Il-Ġudaiżmu |
|---|---|---|---|
| **Il-Kotba Sagri** | | | it-Tora |
| **L-Awtorità Reliġjuża** | | l-Imam | |
| **Il-Post tat-Talb** | il-Knisja | | |

**2. Aqra s-sentenzi ta’ hawn taħt u għid jekk humiex regoli tajbin jew ħżiena. Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.**




Sors:https://www.codeaffine.com/2012/09/24/junit-rules/

a. Kulħadd għandu jemmen fl-istess reliġjon. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

b. In-nies għandhom jitħallew ipejpu ġewwa. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

c. Il-ġenituri għandhom iħallsu għall-edukazzjoni ta’ uliedhom, inkella t-tfal ma jitħallewx imorru skola. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

d. Jekk in-nisa u l-irġiel ikunu qed jagħmlu l-istess xogħol, għandhom ikollhom l-istess paga. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

e. It-tfal bi bżonnijiet speċjali għandhom jiġu pprovduti b’dak kollu meħtieġ biex ikunu jistgħu jmorru tajjeb fl-iskola. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**3. Aqra s-sitwazzjonijiet ta' hawn taħt u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors: http://clipart-library.com/clipart/6TrMq47TK.htm

**L-ewwel sitwazzjoni:** Saif ra li Francesco waqqgħetlu l-kartiera fil-bitħa tal-iskola. Mingħajr ma qagħad jaħsibha mar jiġri jiġborha biex jagħtiha lil Francesco. Francesco kien qed jgħaġġel ukoll biex jiġbor il-kartiera u ma ndunax li Saif kien ukoll ġej lejh. It-tnejn li huma ħabtu f'tifel ieħor, Yuri, li waqa' u kiser irkopptu.

**It-tieni sitwazzjoni:** Kieron kien qed jippassiġġa fil-bitħa tal-iskola. Huwa ra lil Sandro, tifel li hu kien iħobb jinki. Meta Sandro wasal ħdejh, hu imbbuttah bis-saħħa. Sandro baqa' dieħel fi student ieħor, Miguel, li waqa' u kiser irkopptu.

1. X'kien il-mottiv ta' Saif fl-ewwel sitwazzjoni? (marka)

_______________________________________________________________

2. Kien mottiv tajjeb? Għaliex? (2 marki)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

3. X'kien il-mottiv ta' Kieron fit-tieni sitwazzjoni? (marka)

_______________________________________________________________

4. Kien mottiv tajjeb? Għaliex? (2 marki)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

5. L-azzjonijiet ta' Saif u Kieron kellhom l-istess konsegwenza – tifel li kien għaddej waqa' u kiser irkopptu. Taħseb li kemm Saif kif ukoll Kieron għandhom jiġu kkastigati? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek. (4 marki)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**4. Imla t-tabella ta' hawn taħt b'konsegwenzi prevedibbli u konsegwenzi mhux prevedibbli. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.** (4 marki)

| Azzjoni | Konsegwenza Prevedibbli | Konsegwenza Mhux Intenzjonata jew Mhux Prevedibbli |
|---|---|---|
| Toħloq profil falz fuq il-media soċjali bl-isem tal-ħabib/a tiegħek. | Tidħak daħka b'ħabibek/ħabibtek. | Il-ħabib/a tiegħek jiġi/tiġi fl-inkwiet minħabba xi ħaġa li għamilt int. |
| Tmur fi klabb li huwa għal min hu akbar minn 16-il sena u tigdeb dwar kemm għandek żmien. | | |
| Iċċempel in-numru tal-emerġenza biex tiċċajta u mbagħad taqta'. | | |

**5. X'inhi l-moralità ? Biex persuna tgħix moralment tajjeb, bilfors trid tkun segwaċi ta' xi reliġjon? Iddiskuti f'madwar 120 kelma.** (10 marki)



Sors: https://hubpages.com/religion-philosophy/Brief-Sketches-of-the-Five-Major-World-Religions

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA